

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1923

tal-10 ta' Ottubru 2022

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-użu tal-aċidu askorbiku (E 300), tal-askorbat tas-sodju (E301), u tal-askorbat tal-kalċju (E 302) fit-tonn

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (2) Din il-lista tista' tiġi aġġornata f'konformità mal-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾, fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li ssir applikazzjoni.
- (3) Skont l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, l-aċidu askorbiku (E 300), l-askorbat tas-sodju (E 301), u l-askorbat tal-kalċju (E302) ("l-addittivi tal-ikel") fil-preżent huma awtorizzati fost kategoriji oħra, bħala addittivi tal-ikel fil-kategorija 09.1.1. "ħut mhux ipproċessat" u fil-kategorija 09.2 "ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustaċji", *quantum satis*. Il-Kumitat Xjentifiku dwar l-Ikel wera l-fehma li l-użu tagħhom bħala antiossidanti huwa aċċettabbli. Fl-opinjoni tagħha fejn evalwat mill-ġdid is-sikurezza tal-addittivi tal-ikel ⁽³⁾, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonfermat li ma hemmx tħassib dwar l-użu tagħhom bħala addittivi tal-ikel fl-użi u fil-livelli tal-użu rrapportati, u li ma hemmx bżonn li tiġi ffixxata doża aċċettabbli ta' kuljum numerika. Din il-konklużjoni tfisser li s-sustanza hija ta' tħassib żgħir ħafna rigward is-sikurezza, li teżisti informazzjoni affidabbli kemm dwar l-esponiment kif ukoll dwar it-tossiċità u li l-probabbiltà li jkun hemm effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem f'dożi li ma jwasslux għal żbilanċ nutrittiv fl-annimali hija żgħira. Attwalment ma hemmx livell numeriku massimu speċifikat għal dawk is-sustanzi, u għandhom jintużaw skont prattika ta' manifattura tajba, flivell li ma jkunx oġhla minn dak meħtieġ biex jinkiseb l-iskop maħsub u dment li l-konsumatur ma jiġix żgwidat.
- (4) L-antiossidanti jintużaw fil-ħut mhux ipproċessat biex idewmu l-iskulurizzazzjoni u s-sniħ tal-laħam tal-ħut. Fil-każ tat-tonn mhux ipproċessat, il-konsumaturi jorbtu l-freskezza mal-kulur aħmar naturali tal-laħam tat-tonn frisk.
- (5) Il-lojn tat-tonn maħlul mill-friża kkummerċjalizzat bħala tonn "frisk" irid jinkiseb minn tonn li jkun iffriżat f'temperatura iktar baxxa minn 18-il grad C wara li jkun inqabad ("tonn frisk"), filwaqt li lojn ieħor tat-tonn irid jintuża biss biex jitqiegħed fil-laned ("tonn għat-tqegħid fil-laned"), f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾. L-użu ta' ammonti kbar ta' addittivi tal-ikel fit-tonn għat-tqegħid fil-laned biex il-kulur jerġa' jhmar artifiċjalment u jsir bħal tat-tonn frisk, joffri l-opportunità li dan it-tonn jiġi kkummerċjalizzat b'qerq bħala tonn frisk, u jinbiegħ bi prezz oġhla. Dan iqarraq bil-konsumaturi u jesponihom għar-riskju tal-avvelenament bl-istamina.
- (6) Iżda dan l-użu tal-addittivi tal-ikel ma jikkonformax mal-kundizzjonijiet ġenerali dwar l-inklużjoni u l-użu tal-addittivi tal-ikel fil-listi tal-Unjoni u mal-prinċipju ta' *quantum satis*.

⁽¹⁾ ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jstabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1).

⁽³⁾ EFSA Journal 2015;13(5):4087, 124 pp.

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jstabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

- (7) Wara li saru l-investigazzjonijiet dwar il-frodi alimentari skont ir-Regolament (KE) Nru 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾, b'mod regolari l-awtoritajiet kompetenti jirrapportaw każijiet ta' bejgħ ta' lojn tat-tonn bħala tonn frisk li jkun fih ammonti ta' addittivi tal-ikel li jkunu oġġla minn dawk li l-awtoritajiet kompetenti jqisu suffiċjenti biex jinkiseb l-effett antiossidant tipiku tat-tonn frisk. Abbażi ta' dan, l-awtoritajiet kompetenti jissuspettaw li l-addittivi tal-ikel qegħdin jintużaw fit-tonn maħsub biex jitqiegħed fil-laned biex jerġa' jiħmar kuluru u jkun jista' jitqiegħed fis-suq bħala frisk.
- (8) Billi l-kompitu li jiġi stabbilit li l-prinċipju ta' *quantum satis* ma jkunx ġie rispettata huwa tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, u billi dan mhux dejjem ikun faċli, l-Istati Membri, b'mod partikolari Spanja, talbu lill-Kummissjoni tistabbilixxi livell massimu xieraq għall-użu tal-addittivi tal-ikel bħala antiossidanti fit-tonn maħlul mill-friża li jinbiegħ bħala tonn frisk (mhux ipproċessat) jew bħala tonn immarinat (ipproċessat).
- (9) Għalhekk, fl-interess taċ-ċertezza tad-dritt, u biex ikun żgurat li l-livell ta' protezzjoni tal-konsumaturi jkun għoli u li l-prattiki fin-negozju tal-ikel ikunu ġusti, jixraq li jiġi ffixxat livell massimu għall-użu tal-addittivi tal-ikel tal-kategoriji 09.1.1 u 09.2 fit-tonn fil-Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008.
- (10) Jenħtieġ li l-livell massimu jippermetti li jinżammu l-livelli attwali tal-użu leġittmu fil-prattika t-tajba ta' manifattura. Abbażi tal-informazzjoni li l-industrija bagħtet lill-Awtorità minħabba l-evalwazzjoni mill-ġdid tas-sikurezza tal-addittivi tal-ikel, livell massimu ta' 300 mg/kg huwa meqjus xieraq. Dan il-livell huwa l-oġġla livell ta' użu rrapportat mill-industrija, kif elenkat fl-opinjoni xjentifika tal-Awtorità.
- (11) Il-Kummissjoni ntgħarrfet dwar studji li twettqu mill-industrija tal-ħut, u dwar l-opinjoni ta' awtorità kompetenti waħda li kkonkludiet li l-użu ta' 900 mg/kg tal-addittivi tal-ikel huwa meħtieġ biex jikkontrolla l-ossidazzjoni fil-lojn tat-tonn li jinżamm f'temperatura taħt 4°C għal għaxart ijiem. Madankollu, fid-dawl tal-informazzjoni disponibbli, u b'mod partikolari minħabba l-fatt li l-kontrolli uffiċjali li twettqu minn xi awtoritajiet kompetenti oħrajn urew li t-tonn maħlul mill-friża jkollu haġja tal-ħżin ta' għaxart ijiem bi trattament ta' 300 mg/kg, mingħajr ma jinbidillu l-kulur oriġinali tiegħu, jidher li l-livell ta' 300 mg/kg huwa biżżejjed biex jinkiseb l-effett antiossidant mixtieq.
- (12) Mhuwiex probabbli li l-iffissar ta' livell massimu għall-użu tal-aċidu askorbiku (E300), tal-askorbat tas-sodju (E 301) u tal-askorbat tal-kalċju (E 302) bħala antiossidanti fit-tonn ikollu effett fuq is-saħħa tal-bniedem. Għaldaqstant, skont l-Artikolu 3(2), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, ma hemmx ħtieġa li tintalab l-opinjoni tal-Awtorità.
- (13) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jiġi emendat skont dan.
- (14) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Ottubru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Il-Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 hija emendata kif ġej:

- (i) fil-kategorija tal-ikel 09.1.1 "Ħut mhux ipproċessat" jiddaħħlu l-entrati li ġejjin bejn l-entrata ta' E 302 Askorbat tal-kalċju u l-entrata ta' E 315 Aċidu eritorbiku:

	"E 300	Aċidu askorbiku	300 mg/kg	(96)	tonn biss
	E 301	Askorbat tas-sodju	300 mg/kg	(96)	tonn biss
	E 302	Askorbat tal-kalċju	300 mg/kg	(96)	tonn biss

(96): L-E 300, l-E 301 u l-E 302 huma awtorizzati individwalment jew imħallta flimkien, il-limitu massimu japplika għas-somma espressa bħala aċidu askorbiku";

- (ii) fil-kategorija tal-ikel 09.2 "Ħut u prodotti tal-ħut ipproċessati inklużi molluski u krustaċji", jiddaħħlu l-entrati li ġejjin bejn l-entrata ta' E251-252 Nitrati u l-entrata E 315 Aċidu Eritorbiku:

	"E 300	Aċidu askorbiku	300 mg/kg	(96)	tonn biss
	E 301	Askorbat tas-sodju	300 mg/kg	(96)	tonn biss
	E 302	Askorbat tal-kalċju	300 mg/kg	(96)	tonn biss

(96): L-E 300, l-E 301 u l-E 302 huma awtorizzati individwalment jew imħallta flimkien, il-limitu massimu japplika għas-somma espressa bħala aċidu askorbiku".